# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Shaun Friggieri)

Vs

Stephen Galea

Illum 2 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Stephen Galea 46 sena bin George u Catherine xebba Galea imwieled Pieta` nhar il-20 ta` Lulju, 1978 b`indirizz 16, Sqaq, nofsinhar, Zabbar. ID 397978M.

Akkuzat talli nhar il-27 ta` Ottubru, 2024 u fi granet u gimghat li ghaddew f`dawn il-gzejjer;

1. Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja mposti fuqu mill-Qorti Kriminali, Onor Imhallef C. Scerri Herrera LL.D. nhar is-7 ta` Otturbru, 2020 f`dan illi jhares il-hin ta` rinkazar matul il-hinijiet impost fuqu, flimkien ma

kundizzjonijiet ohra meta inghatat il-helsien mill-arrest that depozitu u garanzija personali li jammontaw ghal 7,000 Euro.

2. Akkuzat talli fl-istess lok hin u cirkostanzi irreda ruhu recediv, meta gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi huma defenittivi u ma jistawx jinbidlu u dan bi ksur tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta` l-imsemmi Stephen Galea u tordna l-arrest mill-gdid ta` l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma komplessiva ta` Sebgha t`elef euros (7000Euro) jghaddu favur il-Gvern ta` Malta kif stipulate fl-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat li fis-27 ta' Ottubru 2024 Stefen Galea tressaq taht arrest fejn giet nominata Dr Alexia Vassallo l-aviukat ta'l-ghajnuna legali tat-turn sabiex tassisti l-imputat;

Il-validita' tal-arrest ma giex kontestata.

Inqraw l-akkuzi mill-Prosekjuzzjoni.

L-imputat irregistra ammissjoni.

Gie ordnat pre-senmtancing report ezebit minn Probation Officer Anabel Ebejer Dok AE.

Rat l-artikoli 579 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

L-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri

L-probation officer Anabel Ebejer ippresentat r-rapport taghha kif ukoll xehdet in elaborazzjoni dwar l-istess.

**Ikkunsidrat**

Mir-rapport Dok AE kif ukoll mix-xhieda tal-probation Officer Anabel Ebejer jidher li hi idoneja sentenza karcerarja effettiva.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 579 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lil Stephen Galea hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tirrevokka l-helsien mill-arrest tieghu ai termini tad-digriet ta' l-Qorti Kriminali datat 7 ta' Ottubru, 2020 u tordna l-arrest mill-gdid tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) habs effettivi. Ghandu jitnaqqas minn dan iz-zmien, li Stephen Galea kien taht habs preventiv.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li s-somma komplessiva ta' sebghat elef euro (7000) depositu u garanzija personali ghandha tghaddi favur il-Gvern ta' Malta ai terminu tad-digriet ta' l-Qorti Kriminali datat 7 ta' Ottubru, 2020

Tordna Treatment Order rigwardanti Stephen Galea ghal zmien sentejn rigwardanti l-uzu tad-Droga. Tali treatment Order ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**